# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 11**

**Citaz. numru 1997/95 RCP**

**Annunziato sive Lonzu Mifsud.**

**vs**

**Angelo Xuereb ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' AX Holdings Limited gia' Angelo Xuereb Ltd.**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI ; IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR</u>**

1. B'citazzjoni promotorja gie premess li Angelo Xuereb nomine ghan-nom tas-socjeta' AX Holdings Limited gia' Angelo Xuereb Limited hareg zewg kambjali fit-22 ta' Marzu 1995 ghas-somma ta' hmistax-il ef lira Maltin (Lm15,000) kull wiehed, liema kambjali inhargu favur l-attur u

kellhom jiskadu u jigu mhallsa rispettivament fl-24 ta' Gunju 1995 u 24 ta' Settembru 1995 u li meta skadew dawn id-dati rispettivi il-konvenut noe naqas li jonora u jhallas dawn il-kambjali anke wara li gew debitament protestati. Fic-citazzjoni l-istess attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma komplessiva ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000) flimkien ma' l-imghax kummercjali legali tat-tmienja fil-mija (8%) kwantu ghall-hmistax-il elf lira Maltin minnhom mill-24 ta' Gunju 1995 sal-effettiv hlas u kwantu ghall-hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) l-ohra mill-24 ta' Settembru 1995 sal-hlas effettiv, bl-ispejjez komprizi l-ittra interpellatorja u protesti kambjarji kontra l-konvenut nomine.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT NOMINE**

2. Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet gie eccepit li d-dokumenti presentati mill-attur bhala kambjali huma nulli u ghalhekk minghajr effett tal-ligi, ghas-segwenti ragunijiet li wahda minnhom biss hi sufficjenti biex iggib l-imsemmija nullita' : (I) mhumiex iffirmati mit-traent ; (ii) ma huwa indikat ebda traent ; u/jew (iii) mhuwiex indikat il-lok tal-hlas ; u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta mhijiex it-trattarju imsemmi fil-kambjali *de quo*, u ghaldaqstant l-esponenti noe ghandu jigi liberat mid-domanda.

3. Illi l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tat sentenza fil-5 ta' Ottubru 1999 fejn is-socjeta' konvenuta giet ikkundannata thallas l-ammont pretiz mill-attur bl-ispejjez.

**L-APPELL TAL-KONVENUT NOMINE**

4. Il-konvenut nomine hass ruhu aggravat u appella mis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1999 tal-Prim'Awla fuq l-aggravji segwenti u rigwardanti :-

(a) nuqqas ta' firma tat-traent ;

(b) ambigwita' serja dwar minn huwa t-traent stante li l-posizzjoni tal-firma mhijiex mqeghda *in kalce* ;

(c) nuqqas ta' lok ta' hlas ;

(d) ma hemm ebda relazzjoni kuntrattwali bejn l-attur u AX Holdings Limited gja' Angelo Xuereb Limited.

Illi riferibbilment ghall-ewwel aggravju l-esponent jissottometti li l-firma ta' Angelo Xuereb fuq id-dokumenti in kwistjoni hija ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Angelo Xuereb (Construction) Limited bhala trattarju, li fid-data ta' l-iskadenza u jekk/u meta jaccettahom isir

accettatur u mhux ghan-nom u in rapprezentanza ta' Angelo Xuereb Limited bhala traent. In fatti l-protesti ghall-pagament saru lis-socjeta' Angelo Xuereb (Construction Limited). L-esponent jaghmel ukoll riferenza ghas-sentenza citata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili "**Vincent Kind vs Carmelo Abdilla**" fejn il-Qorti tal-Kummerc irriteniet illi :-

> *"illi pero' l-firma tal-konvenut mhux qeghda in kalci tad-dikjarazzjoni kambjarja tal-faccata anterjuri, fejn, bhala regola, tigi mitkuba l-firma mit-traenti u mill-emittenti, bhala konferma u suggell ghat-test taghha. Il-firma tal-konvenuti giet miktuba fuq il-kambjali, iva, pero' mhux in kalci ghat-test taghha, imma traversalment fuq in-naha tax-xellug. Dana pero' ma jinvalidahiex, ghaliex ghalkemm ir-regola hija dik fuq indikata, jigifieri illi l-firma tat-traent u l-emittent tibqa' valda anki jekk il-firma tieghi tigi miktuba f'post iehor fl-istess kambjali, meta keta jirrizulta li giet miktuba wara d-dikjarazzjoni kambjarja, u meta jirrizulta minghajr ambigwita min huwa t-traent jew l-emittent."*

L-appellant jghid illi l-kambjali hija dokument minnu nnifsu formali litterali li jikkrea obbligazzjonijiet awtonomi bil-konsegwenza illi l-litteralita' tad-dokument huma ta' importanza fondamentali. Hemm ambigwita' sufficjenti fil-kaz ta' l-ezami tad-dokumenti odjerni jekk mhux kontradizzjoni fil-kaz taht ezami u ghalhekk mhux lecitu illi wiehed jivvalida kambjali f'cirkostanzi fejn hemm diffikolta' serja ta' identita' – altrimenti l-effett ikun li jkunu qed jigu ssanzjonati b'approvazzjoni illi r-regoli tal-formalizmu u litteralita' tal-kambjali jistghu jinkisru b'approvazzjoni illi r-regoli tal-formalizmu u litteralita' tal-kambjali jistghu jinkisru b'impunita' totali. Jinghad illi hemm ambigwita' partikolari f'dan il-kaz : rilevanti illi l-ewwel Qorti ftit li xejn ghamlet riflessjoni fejn

eskludiet l-ambigwita' ghaliex *"ex facie"* tal-kambjali hemm kontradizzjoni reali u mhux apparenti u fis-sostanza. Hija fis-sostanza ghaliex anke jekk AX Holdings Limited hija gia' Angelo Xuereb Limited, dan kif inhu tajjeb risaput hija guridikament distinta mis-socjeta' Angelo Xuereb Limited, din kif inhu tajjeb risaput hija guridikament distinta mis-socjeta' Angelo Xuereb (Construction) Limited. Huwa minnu illi huma parti mill-istess group of Companies a tenur tal-Companies Act 1995 izda dan bl-ebda mod ma jfisser illi ghandha ssir trasmissjoni ta' resonsabbilita' ; jibqa' fondamentalment illi d-dokument huwa imperfett f'aspetti saljenti u materjali u ta' sostanza, tali li dawn iwasslu ghan-nullita'.

Illi riferibbilment ghat-tieni aggravju li jsegwi mill-ewwel Prim'Awla naqset milli taghti d-dovuta mportanza lill-posizzjoni ta-firma, *multo magis* meta tezisti ambigwita' rigward minn huwa t-traent. Normalment l-accettatur jiffirma fuq ix-xellug tad-dokument u attravers id-dokument waqt li t-traent ipoggi l-firma tieghu fil-faccata anterjuri fuq il-lemin, fil-kaz odjern huwa l-attur (il-prenditur) li ffirma fuq il-lemin fil-post tat-traent. Dan ukoll ma jidhirx illi nghata l-piz mill-Qorti : li jizdied jissemma' huwa illi l-protest tal-kambjali permezz tan-Nutar Dr. Mario Bugeja sar kontra Angelo Xuereb (Construction) Limited u mhux kontra l-konvenut odjern.

Illi riferibbilment ghat-tielet aggravju hemm nuqqas ta' indikazzjoni tal-lok ta' hlas u fil-kaz ta' obbligazzjonijiet ta' natura kummercjali ma jistghux jigu applikati n-normi tad-dritt civili. L-ewwel Qorti injorat bi ftit li xejn jew spjegazzjoni s-sottomissjoni maghmula mill-konvenut fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tieghu fejn gie citat bran mill-pubblikazzjoni tal-mibki Professur Joseph A. Micallef fejn inter alia ntqall fl-istess Nota:

> *"If the bill has not specified any address where the bill is to be paid and if the bill also does not specify any address of the parties, then Section 224 of the Commercial Code cannot operate and the holder of the bill would be unable to seek any party. Hence the reason why the bill will have to be considered as invalid."*

Dan il-punt bir-rispett kollu jidher illi ma tqisx mill-ewwel Qorti : li hemm l-indirizz tat-traent u n-numru tat-telefon tieghu mhux necessarjament rilevanti fis-sens ta' l-ambigwita' u kontradizzjonijiet rilevanti fil-paragrafi antecedenti ;

Illi riferribbilment ghar-raba' aggravju li ghalkemm Angelo Xuereb huwa l-azzjonista maggoritarju ta' Angelo Xuereb Limited u Angelo Xuereb (Construction) Limited u jifformaw parti mill-istess grupp ta' kumpaniji, hija din ta' l-ahhar li kellha relazzjoni kuntrattwali ma' l-attur u ghalhekk kull interpretazzjoni ghandha tinghata f'dan is-sens ; jigi rilevat li hemm azzjoni legali pendenti ghal difetti latenti f'makkinarju li ghalihom gew mahruga il-kambjalijiet, liema azzjoni ghadha pendenti.

Ghaldaqstant l-appellant nomine taleb li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-5 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet premessi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellant konvenut nomine u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**IR-RISPOSTA TAL-APPELL TAL-ATTUR APPELLAT ANNUNZIATO SIVE LONZU MIFSUD**

5. L-appellat wiegeb hekk :-

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut noe appellant.

Illi l-vertenza giet trattata ad unguem quddiem l-ewwel Qorti u gew skambjati noti ta' osservazzjonijiet ezawrjenti dwar il-punti li issa qed jergghu jigu sollevati quddiem din il-Qorti.

A skans ta' ripetizzjoni inutili li sservi biss biex thaxxen dan il-process, l-esponent jaghmel piena riferenza ghan-noti tal-osservazzjoni tieghu fejn hemm ir-risposta ghall-punti ta' dritt sollevati mill-appellant.

Illi ghal dak li huma fatti ma jaghmilx sens li Angelo Xuereb jiffirma kambjala biss bhala trattarju meta jaf ben tajjeb li hu ma ffirmahiex bhala traent. Stante li z-zewg socjetajiet huma rapprezentati minnu u hu l-firmatarju fit-tnejn, hu ovvju li jekk hemm firma wahda fuq il-kambjali, din tista' tkun biss tieghu (u dan mhux kontestat) bhala drawer biex ikun hemm kambjala valida, jrid ikun hemm il-firma tat-traent u ammenoche' Angelo Xuereb ma riedx jagixxi b'qerq manifest u b'mod frawdolenti – haga li zgur bhala negozjant ewlieni fil-pajjiz mhux ser jghaddilu minn rasu li ser jaghmel ghax jitlef il-kreditu kollu li ghandu – wiehed irid bilfors jikkonkludi li hu kien genwin meta emetta il-kambjala u dana ghamlu bhala drawer u mhux bhala drawee. Ghalhekk ma hemm ebda ambigwita' dwar min hu t-traent. Jekk hemm firma wahda – tpoggiet fejn tpoggiet – din trid tkun tat-traent bilfors, ghax altrimenti ma kienx ikun hemm kambjala. Hekk tiddetta il-buona fede u l-logika bejn in-negozjanti tal-istatura tal-konvenut appellant nomine.

Bir-rispett l-ezistenza ta' azzjoni ohra biex tirrexxindi l-biegh tal-makkinarju ma ghandha x'taqsam xejn ma' din il-kawza u bil-mod kif dik il-kawza qed titmexxa – sar progress zghir biss f'dik il-kawza – jidher li saret biss bhala diversiv u biex il-konvenut appellant ikun jista' jaghti alibi morali fint ghad-difiza legalistika u formalistika li qed jadduci f'din il-kawza. L-azzjoni kambjarja tissussisti indipendentement mill-fattispecji tat-transazzjoni li in konnessjoni maghha ikunu gew emmessi il-kambjali.

Il-fatt li ma jissemmiex l-indirizz fejn il-kambjala trid tithallas hu rispaput li ma jgibx in-nullita' tal-kambjala meta l-pjazza tkun wahda maghrufa u jkun maghruf il-lok tal-kummerc u r-residenza ta' min ikun iffirma l-kambjala b'mod li jkun facilment identifikat. F'dan is-sens jiddisponi l-art. 224 tal-Kap. 13 u c-citazzjoni minn xi pubblikazzjoni tal-mibki Prof. J.A. Micallef, li tajjeb li jigi rilevat li kien il-konsulent legali tal-esponent stess f'din il-kawza.

Illi jidher li dan l-appell sar biex ikompli jintrebah iz-zmien u ghall-ebda raguni ohra u din l-Onorabbli Qorti hija mitluba li tapplika fil-konfront tal-appellant is-sanzjoni tad-doppie speze f'kaz li thoss li dan hu l-kaz.

**<u>IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Illi l-aggravji tal-konvenut appellant nomine m'humiex hlief ripetizzjoni ri-elaborata tal-eccezzjonijiet kollha gja' sollevati mill-konvenut nomine quddiem l-ewwel Qorti in kwantu l-appellant nomine ghadu sa issa jishaq li l-kambjali li dwarhom l-attur qieghed jesigi pagament huma nulli u bla ebda validita' legali, u dana minhabba difetti li jolqtu s-segwenti aspetti tal-kambjali <u>de quo</u>, jigifieri,

(a) In-nuqqas ta' firma tat-traent ;

(b) Ambigwita' dwar min hu sewwa sew it-traent ;

(c) Nuqqas ta' tismija tal-lok fejn ghandu jsir il-pagament ;

(d) In-nuqqs ta' relazzjoni kuntrattwali bejn l-attur u AX Holdings Limited, gja' Angelo Xuereb Limited.

Ikun prattiku u utli ghal fini ta' dan l-appell li kull aggravju fuq imsemmi jigi mistharreg wiehed wiehed.

**(a) L-aggravju dwar in-nuqqas ta' firma tat-traent**

7. L-appellant nomine isostni li l-firma ta' Angelo Xuereb fuq il-kambjala saret f'isem Angelo Xuereb (Construction) Limited bhala trattarju, u mhux f'isem Angelo Xuereb Limited bhala traent. Fil-fatt il-protesti ghall-pagament hekk saru. Din l-ambigwita' hi bizzejjed, skond hu, biex tirrendi l-kambjali invalidi ghax fiha kontradizzjoni reali u ta' sostanza.

L-ewwel Qorti, wara li gharblet il-gurisprudenza in materja u ccitat ukoll; x'jghid il-Kodici tal-Kummerc u abbinat dan kollu mal-kambjali kontestati, irriteniet li,

> "nonostante l-posizzjoni tal-firma, li l-ligi ma tiddisponix fejn ghandha tkun, ma hemm ebda dubbju fuq l-identita' tal-firma tas-socjeta' Angelo Xuereb bhala traent tal-istess kambjala, u dan anke in vista tal-fatt li kemm il-portatur jew payee u kemm it-trattarju huma ben identifikabbli……."

Fi kliem iehor, u dan wiegeb ghall-aggravju tal-appellant nomine, ma tirrizultax dik "l-ambigwita" jew "kontradizzjoni" ta' sostanza msemmija minnu. Kif tajjeb gie rilevat mill-appellat, iz-zewg socjetajiet Angelo Xuereb (Construction) Limited u Angelo Xuereb Limited (illum AX Holdings Limited) huma rapprezentanti t-tnejn li huma minn Angelo Xuereb u hu l-firmatarju taghhom it-tnejn ukoll. Ghalhekk ftit li xejn jaghmel sens li Angelo Xuereb iffirma kambjala biss bhala trattarju meta jaf lu ma ffirmahiex bhala t-traent. Jekk hekk firma wahda, din trid tkun necessarjament tat-traent, u dan hu hekk indipendentement minn fejn effettivament tpoggiet din il-firma. Jekk Angelo Xuereb qieghed jallega li kkommetta xi zball dwar liema timbru intuza, provi dwar dan ma jezistux u l-Qorti m'ghandhiex tissoponi, la hadd m'hu qed jallega dan, li l-imsemmi Angelo Xuereb mexa b'mod bi skop li jinganna, u f'liema eventwalita' allura li tiehu din il-falsita' kellha tirrizulta, il-konsegwenzi ghal min hekk iffirma fuq id-dokumeni kienu jkunu ta' natura kriminali u mhux kummercjali. L-ezercizzju tal-appellant nomine ghalhekk hu wiehed purament legalistiku u formalistiku bbazat fuq citazzjonijiet minn decizjonijiet mehudin semplicement biex fuqhom jibni argomenti "a posteriori", mentri fir-realta' l-fatti juru sufficjentement li tali ambigwita' ma tirrizultax. Illi ghalhekk dana l-aggravju qieghed jigi respint ghax huwa infondat.

**(b) L-aggravju dwar min hu sewwa sew it-traent**

8. Skond l-appellant nomine, l-ewwel Qorti ma tatx piz jew kaz tas-sottomissjonijiet tieghu dwar il-posizzjoni tal-firma tieghu fuq il-kambjali de quo, specjalment tenut kont li kien hemm ambigwita' dwar min huwa t-traent.

Fil-fatt dana t-tieni aggravju huwa korollarju u ghandu rabta mal-aggravju precedenti – xejn anqas formalistiku u legalistiku minn dak ta' qablu. Illi in kwantu dan jistrieh "in parte" fuq il-presuppost li hemm ambigwita', diga' intqal supra li din ma rrizultatx.

"Normalment l-accettatur jiffirma fuq ix-xellug tad-dokument u attravers id-dokument waqt li t-traent ipoggi l-firma tieghu fil-faccata anterjuri fuq il-lemin, fil-kaz odjern huwa l-attur (il-prenditur) – jissottometti l-appellant nomine li ffirma fuq il-lemin fil-post tat-traent?"

Din il-Qorti hija tal-fehma li darba li gie stabbilit li fil-kambjali m'hemmx dik l-ambigwita' pretiza mill-appellant nomine li, fuq l-iskorta tad-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet E. Vincenti Kind vs C. Abdilla, moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Ottubru 1954 u ohrajn bhala, ic-cirkostanzi dwar fejn tqeghdu l-firem li ssemmew mill-appellant nomine

ma jinvalidawx il-kambjala ghaliex ghalkemm ir-regola hija tassew kif indikata mill-appellant nomine,

> "izda l-kambjala tibqa' valida anke jekk il-firma tigi miktuba wara d-dikjarazzjoni kambjarja, u meta jirrizulta minghajr ambigwita' min hu t-traenti u l-emittenti."

Ghalhekk dana l-aggravju wkoll hu infondat u qed jigi respint bhal dak ta' qablu.

**<u>(c) L-aggravju dwar in-nuqqas ta' lok ta' hlas</u>**

9. Trattandosi ta' obbligazzjoni ta' natura kummercjali, l-ewwel Qorti zbaljatament applikat in-normi tad-dritt civili, jissottometti l-appellant nomine. Huwa jiccita b'awtorita' min-noti tal-komjant Professur Joseph A. Micallef, studjuz eminenti tad-dritt kummercjali, li jghallem li f'kazijiet fejn il-lok mhuwiex indikat il-kambjala <u>de quo</u> "will have to be considered as invalid".

Dak li donnu konvenjement jiskarta l-appellant nomine fic-citazzjoni mehuda min-noti tal-Professur Micallef hija l-premessa l-ohra, daqstant iehor importanti, illi tali nuqqas apparenti jrid ukoll ikun tali li jwassal biex "the holder of the bill would be unable to seek any party" – meta dan zgur li ma japplikax fil-kaz in ezami billi sa indirizz u numru tat-telefon tat-traent jinsab imnizzel fl-imsemmija kambjali. U "del resto",

dana jaqbel ma' dak l-insenjatament tal-Professur Carlo fl-appunti tieghu dwar "Le Cambiali nel Diritto Maltese" (pag. 96) u cioe' li,

> "se manca l'indicazione del luogo di pagamenti, non si puo' dire che la cambiale sia nulla, perche' vi suppliscono altre indicazioni".

Dan it-tielet aggravju ghalhekk huwa wkoll infondat u qed jigi respint.

**<u>(d)</u>** **<u>L-aggravju dwar li ma hemm ebda relazzjoni kummercjali lejn l-attur u AX Holdings Limited gja' Angelo Xuereb Limited</u>**

10 Skond l-appellant nomine, ghalkemm Angelo Xuereb huwa l-azzjonista maggoritarju ta' Angelo Xuereb Limited u Angelo Xuereb (Construction) Limited u dawn jifformaw parti mill-istess grupp ta' kumpanija, hija din ta' l-ahhar li kellha relazzjoni kuntrattwali ma' l-attur – apparti li hemm kawza pendenti dwar difetti latenti f'makkinarju li ghalihom inhargu dawn il-kambjalijiet.

Wara li kkonsidrat is-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar dana l-aggravju u x'qalet l-ewwel Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-azzjoni in ezami tista' titqies bhala wahda ta' rigress kontra s-socjeta' konvenuta bhala <u>traent</u>, u dana ghaliex it-trattarju jew ahjar is-socjeta' indikata fuq il-kambjala bhala <u>trattarju</u> m'accettatx l-istess kambjali, u, konsegwentement ghalhekk, is-socjeta' konvenuta ghandha hi wahidha

r-responsabbilita' kambjarja bhala traent. In vistu ta' din l-azzjoni ta' rigress huwa proprju l-konvenut nomine bhala traent, u mhux allura bhala trattarju, li huwa responsabbli ghall-hlas u ghalhekk gie mharrek korrettement u mhuwiex il-kaz li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju kif pretiz mill-appellant nomine.

Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint ukoll billi huwa infondat.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1999 il-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tal-konvenut nomine bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mg